



## EUROPEAN CAPITALS OF INCLUSION AND DIVERSITY

Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità

### Nota ta' Gwida għall-applikanti

*Jekk jogħġobkom aqraw dawn il-linji gwida bir-reqqa qabel tibdew timlew il-formola tal-applikazzjoni. Hawnhekk se ssibu l-informazzjoni neċessarja kollha li se tgħinkom timlew it-taqsimiet fil-formola tal-applikazzjoni kif suppost u tiddekrivu l-attivitajiet tagħkom b'suċċess.*

### INFORMAZZJONI BAŻIKA

**Lingwa:** L-applikanti huma mħeġġa jissottomettu l-applikazzjoni bl-Ingliż, biex jiffaċilitaw ir-reviżjoni tal-proposti u jħaffu l-proċess ta' evalwazzjoni. Madankollu, ta' min jgħid li jiġu aċċettati l-proposti sottomessi fi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u dawn jiġu tradotti bl-użu ta' sistema tat-traduzzjoni awtomatizzata.

**Mod kif jitwasslu l-applikazzjonijiet:** permezz tal-għodda online

**Data ta' skadenza:** 7 ta' Frar 2025 (12.00 CET)

### KIF TIMTELA L-APPLIKAZZJONI

L-applikazzjoni tagħkom għandha tkun ċara u preċiża kemm jista' jkun biex l-esperti indipendenti u l-Ġurija Ewropea jkunu jistgħu jevalwaw l-isforzi tagħkom fil-qasam tad-diversità u l-inklużjoni.

Araw li tkunu ppreżentajtu b'mod ċar l-approċċ u l-istrateġija tagħkom fir-rigward tad-diversità u l-inklużjoni u li tkunu spjegajtu f'dettall l-attivitajiet innovattivi ewlenin li wasslu għall-kisbiet tagħkom f'dan il-qasam. Indikaw il-perjodu ta' żmien tal-attivitajiet: meta tnedew, il-progress li sar fl-implimentazzjoni tagħhom, u x'se jkunu l-iżviluppi fil-futur. Ftakru li l-Premju huwa għall-medda ta' attivitajiet li qed jiġu implimentati mill-awtorità lokali tagħkom, u mhux biss għal attività waħda.

Jekk jogħġobkom iffukaw fuq id-dettalji speċifiċi, il-fatti u n-numri. Agħtu eżempji, inkluża informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva.

In-numru massimu indikat ta' karattri disponibbli għal kull tweġiba jinkludi l-ispazji.

### A/ IDENTITÀ TAL-AWTORITÀ LOKALI

#### Deskrizzjoni qasira tal-awtorità lokali tagħkom (raħal, belt jew reġjun)

Inkludu hawn xi informazzjoni bażika dwar l-awtorità lokali tagħkom, l-istorja, l-ekonomija u l-popolazzjoni tagħha, b'mod partikolari dawk l-aspetti ta' rilevanza għad-diversità u l-inklużjoni. Speċifikament, ikun ta' interess li tagħtu stampa ta' dawn: l-isfidi affaċċjati mill-awtorità lokali, bħal-livelli ta' prosperità ekonomika jew l-ixkiel infrastrutturali għall-aċċessibbiltà eċċ.; u d-diversità tal-popolazzjoni tal-awtorità lokali u l-bidliet reċenti f'dan ir-rigward, bħall-wasla ta' numru sinifikanti ta'

migranti, jew it-tixjiñ tal-popolazzjoni, eċċ. Ikun utli li tispjegaw kwalunkwe ostaklu partikolari fil-kuntest lokali jew nazzjonali li jfixkel l-inizjattivi tagħkom għal kwalunkwe tip speċifiku ta' diskriminazzjoni.

## **B/ NATURA U AMBITU TAL-INIZJATTIVI**

Jekk jogħġobkom identifikaw l-inizjattivi ewlenin tad-diversità u l-inklużjoni li ħadtu jew li qed tieħdu, filwaqt li tindirizzaw il-medda sħiħa tagħhom. Dawn l-inizjattivi jistgħu jkunu li: itejbu s-sitwazzjoni<sup>1</sup> u l-esperjenza<sup>2</sup> ta' gruppi speċifiċi esposti għal diskriminazzjoni (għal raġunijiet relatati mas-sess, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, l-età u/jew l-identità LGBTIQ); u/jew jindirizzaw il-ħtiġijiet partikolari<sup>3</sup> ta' dawn il-gruppi.

Meta jkun possibbli, dawn l-inizjattivi għandhom juru approċċ komprensiv fir-rigward tat-tipi ta' diskriminazzjoni, u, f'dan il-qafas, approċċ intersezzjonali. L-inizjattivi għandhom jidentifikaw u jsegwu viżjoni ambizzjuża għal bidla fl-approċċ għad-diversità u l-inklużjoni meħud mill-awtorità lokali tagħkom.

Għal kull inizjattiva ewlenija, inkludi dettalji fil-qosor dwar:

- l-għanijiet, l-oġettivi u l-perkorsi ta' azzjoni tagħha;
- il-partijiet ikkonċernati involuti u l-benefiċjarji fil-mira;
- ir-riżorsi allokatu u impenjati;
- l-oqsma ta' politika kollha koperti; u
- id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem.

Meta xieraq, kunu espliċiti jekk l-inizjattivi tagħkom ikunu mmirati lejn gruppi speċifiċi esposti għal diskriminazzjoni (għal raġunijiet relatati mas-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, l-età u/jew l-identità LGBTIQ), inkluda kwalunkwe enfasi fuq l-intersezzjonijiet bejn dawn it-tipi ta' diskriminazzjoni. Ikun utli li tispjegaw kwalunkwe strateġija partikolari li l-inizjattivi tagħkom ikunu marbuta magħha.

L-inizjattivi għandhom juru approċċ koerenti għad-diversità u l-inklużjoni f' medda ta' oqsma ta' politika mill-awtorità lokali, flimkien ma' viżjoni ambizzjuża biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mad-diversità u l-inklużjoni bħala impjegatur, fi ħdan il-forza tax-xogħol tal-awtorità lokali.

It-Taqsima B tal-formola tal-applikazzjoni tista' tintuża għal skopijiet promozzjonali (pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Premju, f'fuljett, eċċ.), u allura jekk jogħġobkom kunu ċari kemm jista' jkun fid-deskrizzjoni tagħkom.

## **C/ SJIEDA / LIVELL TA' IMPENN**

Jekk jogħġobkom iddeskrivu l-approċċ ġenerali tagħkom għad-diversità u l-inklużjoni f'termini tad-dikjarazzjoni jew l-istrateġija ġenerali tal-politika li timplimentaw għal dan il-qasam, u l-istrutturi u s-sistemi organizzazzjonali stabbiliti biex jixprunaw din l-implimentazzjoni.

Jekk jogħġobkom iddeskrivu l-approċċ ġenerali tagħkom, inklud, pereżempju, billi tagħtu xi dettalji dwar:

---

<sup>1</sup> "Sitwazzjoni" tirreferi għal żvantaġġ esperjenzat minn dawn il-gruppi, kemm jekk ta' natura ekonomika, soċjali, politika jew kulturali.

<sup>2</sup> "Esperjenza" tirreferi għan-natura u l-kwalità tal-interazzjonijiet għal dawn il-gruppi mal-popolazzjoni usa' u ma' organizzazzjonijiet fis-settur pubbliku u dak privat.

<sup>3</sup> "Ħtiġijiet partikolari" jirreferu għall-ħtiġijiet li jinqalgħu għal dawn il-gruppi relatati mal-identità tagħhom u kif jagħżlu li jgħixu l-identità tagħhom fost kull wieħed mit-tipi ta' diskriminazzjoni.

- Dikjarazzjonijiet ta' politika ta' livell għoli dwar u impenji għad-diversità u l-inklużjoni.
- Strateġija ddedikata li tixprunaw u tiggwidaw l-azzjoni tagħkom dwar id-diversità u l-inklużjoni, jew l-inkorporazzjoni ta' fergħa ta' diversità u inklużjoni fi fhdan strateġija jew qafas ta' politika usa' għall-awtorità lokali, u l-livell ta' investment involut f'din/dawn.
- Struttura/i organizzazzjonali fl-awtorità lokali tagħkom li għandhom ir-responsabbiltà li jimplementaw, jikkoordinaw u jimmonitorjaw politiki u azzjonijiet dwar id-diversità u l-inklużjoni, bħall-istabbiliment jew l-allokkazzjoni tar-responsabbiltà lil dipartiment u/jew kumitat ta' koordinazzjoni transdipartimentali wieħed jew aktar, u r-riżorsi u l-persunal allokati lil dawn l-istrutturi organizzazzjonali.
- Sistemi għall-integrazzjoni ta' enfasi fuq id-diversità u l-inklużjoni fil-politiki, il-programmi u r-regolamenti kollha tagħkom. Meta tidentifikawhom, ikun utli li tidentifikaw il-passi meħuda biex: jiġu stabbiliti standards għal kif jiġu implimentati dawn is-sistemi; tinbena l-kapaċità tal-persunal biex jimplementa dawn is-sistemi; u l-implimentazzjoni tar-riżorsi ta' dawn is-sistemi ta' integrazzjoni.
- Inizjattivi biex tingħata t-tmexxija lil setturi esterni u jiġu involuti t-tali setturi esterni, bħas-settur privat, fl-indirizzar tad-diversità u l-inklużjoni.
- Jekk l-awtorità lokali tagħkom iffirmit Karta tad-Diversità u hija membru tal-Karta nazzjonali tad-Diversità; u jekk l-awtorità lokali tagħkom hija membru ta' kwalunkwe network b'enfasi fuq id-diversità u l-inklużjoni.

## **D/ IMPATT**

Jekk jogħġobkom identifikaw kif l-inizjattiva/i ewlenija/ewlenin tagħkom dwar id-diversità u l-inklużjoni tejbet/tejbu s-sitwazzjoni u l-esperjenza ta' persuni esposti għad-diskriminazzjoni (għal raġunijiet relatati mas-sess, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, l-età u/jew l-identità LGBTIQ) u/jew indirizzat/indirizzaw il-ħtiġijiet partikolari tagħhom sa mill-bidu tal-inizjattiva/i.

Meta tagħmlu dan, jekk jogħġobkom identifikaw l-aktar indikaturi u miri importanti stabbiliti għal kull inizjattiva u kif dawn jallinjaw mal-għanijiet u l-obiettivi tagħhom. Jekk jogħġobkom inkludu d-dejta kwantitattiva u/jew kwalitattiva ewlenija biex turu r-riżultati fit-terminu qasir, ir-riżultati fit-terminu medju u l-impatti fit-tul li kisbu l-inizjattivi tagħkom. Jekk jogħġobkom identifikaw kif u minn min issir kwalunkwe verifika esterna ta' din id-dejta dwar ir-riżultati, l-eżiti u l-impatti.

Din il-valutazzjoni tal-effettività u l-impatt trid tirreferi għall-inizjattivi msemmija fit-Taqsima B/ Natura u Ambitu tal-Inizjattivi.

## **E/ KWALITÀ U SOSTENIBBILTÀ TAL-INIZJATTIVI**

### **1. Kif timmonitorjaw, tevalwaw u tiżguraw il-kwalità tal-inizjattivi tad-diversità u l-inklużjoni?**

Il-kwalità tal-inizjattivi tad-diversità u l-inklużjoni hi kruċjali għall-impatti pożittivi tagħhom fuq is-sitwazzjoni u l-esperjenza ta' dawk il-gruppi esposti għal diskriminazzjoni u inugwaljanza (għal raġunijiet relatati mas-sess, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, l-età u/jew l-identità LGBTIQ).

Jekk jogħġobkom ippreżentaw il-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ stabbiliti fl-awtorità lokali tagħkom biex issegwu u tiżguraw il-kwalità għal dawn l-inizjattivi matul u wara l-implimentazzjoni tagħhom. Jekk jogħġobkom ippreżentaw il-mekkaniżmi fis-seħħ biex tisiltu u tapplikaw it-tagħlimiet meħuda minn dawn l-inizjattivi, biex tibnu fuq inizjattivi kurrenti u biex tinformaw inizjattivi futuri. Jekk

jogħġobkom identifikaw min hu involut f'dawn il-mekkaniżmi. Tistgħu tindikaw ukoll jekk l-inizjattivi tagħkom humiex relatati jew allinjati ma' xi strateġija nazzjonali u/jew Ewropea u l-standards stabbiliti minn dawn.

## **2. Kif tiżguraw is-sostenibbiltà u l-kontinwità tal-inizjattivi tad-diversità u l-inklużjoni biex tiżguraw il-kontinwità tal-isforz fl-inizjattivi meħuda u l-azzjoni biex tibnu fuq dawn l-inizjattivi?**

L-iżgurar tas-sostenibbiltà għall-inizjattivi tad-diversità u l-inklużjoni jinvolti ż-żamma tal-kontinwità tal-isforz, u l-iżgurar ta' investiment finanzjarju u riżorsi umani kontinwi biex ir-riżultati miksuba jinżammu u jiġu żviluppatti aktar, inkluż permezz ta' bidla fil-mandati politiċi.

Jekk jogħġobkom iddeskrivu l-passi meħuda biex tiżguraw is-sostenibbiltà u l-kontinwità tal-inizjattivi meħuda u biex tibnu fuq ir-riżultati miksuba, filwaqt li tidentifikaw il-pjanijiet, il-proċessi, l-azzjonijiet, ir-riżorsi umani u l-finanzjament fis-seħħ jew li għandhom jiġu stabbiliti biex tinkiseb din is-sostenibbiltà.

## **F/ L-INVOLVIMENT TA' PERSUNI ESPOSTI GĦAL DISKRIMINAZZJONI**

**1. Iddeskrivu l-istrutturi u l-proċessi parteċipattivi fis-seħħ biex tiżguraw l-involviment ta' persuni esposti għal diskriminazzjoni (għal raġunijiet relatati mas-sess, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, l-età u/jew l-identità LGBTIQ). Jekk jogħġobkom identifikaw jekk dawn l-istrutturi u l-proċessi jew strutturi u proċessi oħra jinvolvux l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, kif ukoll esperti tad-diversità. Jekk jogħġobkom identifikaw jekk dan jinvolvix l-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-inizjattivi tagħkom, l-istrateġiji u l-politiki tagħkom li jindirizzaw id-diversità u l-inklużjoni.**

Jekk jogħġobkom iddeskrivu l-approċċi parteċipattivi implimentati mill-awtorità lokali tagħhom biex tiżguraw dan l-involviment billi tipprovdu xi dettall dwar l-istrutturi u l-proċessi għall-interazzjoni mal-grupp fil-mira u għall-involviment ta' organizzazzjonijiet rappreżentattivi u l-esperti rilevanti, filwaqt li tidentifikaw min hu involut fihom u t-tipi ta' diskriminazzjoni indirizzati, ir-regolarità ta' kemm jitlaqqgħu flimkien, u l-firxa tal-influwenza tagħhom.

**2. Iddeskrivu l-azzjonijiet biex jiġu pprovduti riżorsi u appoġġ lil dawn l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi (għal raġunijiet relatati mas-sess, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, l-età u/jew l-identità LGBTIQ). Jekk jogħġobkom identifikaw ir-riżorsi u l-appoġġ li jiġu pprovduti b'sostenn tal-involviment effettiv u kontinwu tagħhom fl-inizjattivi tagħkom u tal-istrateġiji u l-politiki tagħkom li jindirizzaw id-diversità u l-inklużjoni. Jekk jogħġobkom identifikaw in-natura u l-iskala ta' dawn ir-riżorsi u jekk dawn l-appoġġi humiex għaddejjin bħalissa u jiġux ipprovduti kull sena.**

Jekk jogħġobkom identifikaw dawn l-azzjonijiet meħuda mill-awtorità lokali tagħkom f'dan ir-rigward, billi tipprovdu xi dettalji dwar in-natura u l-iskala ta' dan l-appoġġ kontinwu biex jiffurmaw l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi, jiġu sostnuti l-isforzi tagħhom, u tiġi involuta b'mod effettiv l-awtorità lokali tagħkom. Dan jinkludi appoġġ mhux finanzjarju, finanzjament għall-inizjattivi tagħhom, u finanzjament fundamentali għall-bini u s-sostenn tal-organizzazzjoni tagħhom, filwaqt li jiġu spjegati t-tipi ta' diskriminazzjoni koperti minn dawn l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi.

## **G/ L-AWTORITÀ LOKALI TAGĦKOM GĦALIEX JISTĦOQQILHA L-PREMJU?**

Jekk jogħġobkom spjegaw għaliex l-approċċ tagħkom u r-riżultati tagħkom fir-rigward tad-diversità u l-inklużjoni huma innovattivi u sinifikanti, u għaliex temmnu li ħaqqkom il-Premju.

Jekk jogħġobkom iddikjaraw dak li l-awtorità lokali tagħkom hi partikolarment kburiya bih. Tistgħu tindikaw x'jiddistingwi l-istrateġiji, il-politiki u l-inizjattivi tad-diversità u l-inklużjoni tagħkom, u liema

elementi huma ta' min jippromwovihom b'mod partikolari b'ħala eżempji tajbin għal awtoritajiet lokali oħra.

## **H/ PARTI OBBLIGATORJA għall-applikazzjonijiet GĦALL-PREMJU SPECĪFIKU GĦALL-AWTORITAJIET LOKALI: IL-KISBA TA' "AKKOMODAZZJONI INKLUŻIVA"**

- 1. Jekk jogħġobkom spjegaw dak li l-awtorità lokali tagħhom tifhem b'"akkomodazzjoni inklużiva" u l-viżjoni tagħha għaliha u d-diversità tan-nies (fost id-diversità ta' raġunijiet relatati mas-sess, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u/jew l-identità LGBTIQ) indirizzati fiha.**

Agħti xi indikazzjoni ta' xi jfisser il-kunċett ta' "akkomodazzjoni inklużiva" għall-awtorità lokali tagħkom, l-impenn tagħkom favur il-progress u l-kisba ta' "akkomodazzjoni inklużiva", u min huma l-gruppi fil-mira għal din l-ambizzjoni.

**Jekk jogħġobkom identifikaw u agħtu dettalji fil-qosor dwar l-għanijiet u l-objettivi ta' kwalunkwe strateġija jew politika tal-awtorità lokali tagħkom biex tmexxi 'l quddiem din il-viżjoni għal "akkomodazzjoni inklużiva".**

Agħtu xi indikazzjoni tal-approċċ strateġiku tal-awtorità lokali tagħkom biex tikseb "akkomodazzjoni inklużiva" b'xi dettall dwar l-għanijiet u l-objettivi ta' kwalunkwe strateġija jew politika fis-seħħ biex tixpruna u tistabbilixxi l-istandards għal "akkomodazzjoni inklużiva".

- 2. Jekk jogħġobkom iddeskrivu tlieta mill-inizjattivi ewlenin tagħkom biex tagħmlu progress fir-riżultati relatati mal-"akkomodazzjoni inklużiva".**

Dawn it-tliet inizjattivi ewlenin ikunu mmirati lejn xi wħud minn dawn li ġejjin jew lejn kollha kemm huma:

- il-ġlieda kontra u/jew il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u/jew is-segregazzjoni fl-aċċess għall-akkomodazzjoni;
- ħidma għall-adattament għal ħtiġijiet speċifiċi relatati mad-diversità tat-tipi ta' diskriminazzjoni, l-iżgurar ta' informazzjoni inklużiva, komunikazzjoni u proċessi ta' applikazzjoni aċċessibbli, trasparenti u mhux diskriminatorji għall-akkomodazzjoni;
- l-iżgurar ta' disinn universali għal din id-diversità fil-bini u l-ippjanar tal-akkomodazzjoni;
- miżuri mmirati lejn gruppi speċifiċi fi ħdan din id-diversità biex jiġi indirizzat l-iżvantaġġ tal-akkomodazzjoni li jesperjenzaw, filwaqt li tiġi pprovduta akkomodazzjoni lil gruppi li jiffaċċjaw esklużjoni;
- il-forniment ta' servizzi soċjali lil kerrejja muniċipali biex ikunu jistgħu jsostnu l-kirjiet tagħhom u titrawwem l-inklużjoni tagħhom fil-komunitajiet; u/jew
- it-tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-ġirien fost id-diversità u l-implimentazzjoni ta' proċessi effettivi għall-bini tal-komunità.

**Jekk jogħġobkom identifikaw il-gruppi fil-mira, inkluża kwalunkwe dimensjoni intersezzjonali għal dawn l-inizjattivi, fost ir-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni inklużi dawk relatati mas-sess, l-età, id-diżabilità, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, u l-identità LGBTIQ.**

**Jekk jogħġobkom speċifikaw l-impatt ta' dawn l-inizjattivi.**

Dan jinkludi xi dettalji fil-qosor dwar l-indikaturi u l-miri ewlenin stabbiliti għal dawn l-inizjattivi, u dejta kwantitattiva u/jew kwalitattiva ewlenija dwar l-outputs tagħhom fit-terminu qasir, l-eżiti fit-terminu medju u l-impatti fit-tul.

- 3. Jekk jogħġobkom iddeskrivu l-istrutturi u/jew il-proċessi biex tinvolvu d-diversità ta' nies fil-mira tal-inizjattivi tal-awtorità lokali tagħkom dwar l-"akkomodazzjoni inklużiva", u biex iżżomm**

**kuntatt magħhom u mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom. Jekk jogħġbokom identifikaw jekk dawn l-istrutturi u l-proċessi jkoprux it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-inizjattiva/i ewlenija/ewlenin tagħkom u ta' kwalunkwe strateġija jew politika li ssostni dawn l-inizjattivi.**

Agħtu xi indikazzjoni tal-istrutturi u l-proċessi fis-seħħ, min hu involut f'dawn u t-tipi ta' diskriminazzjoni indirizzati, u kemm jitlaqqgħu regolarment u x'influwenza jista' jkollhom.

#### **I/ MATERJALI TA' SOSTENN – MHUX OBBLIGATORJI**

Minbarra l-informazzjoni pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni online u fid-Dikjarazzjoni tal-unur, li hi obbligatorja u għandha tiġi ffirmata u tittella' fil-formola tal-applikazzjoni, intom mistidnin ittelligħu preżentazzjoni PowerPoint b'10 slides li taċċenna u turi (eż. bi stampi) l-aspetti li fihom teċċella l-applikazzjoni tagħkom.

#### **J/ PERSUNA TA' KUNTATT U INDIRIZZ POSTALI**

Ipprovdidi hawn id-dettalji ta' kuntatt neċessarji kollha għall-persuna fl-amministrazzjoni tagħkom li hi responsabbli għal din l-applikazzjoni.